VALLETTA
Città Umilissima

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Valletta

## 8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 8

Il-Ħamis 16 ta' Jannar 2020

Il-Kunsilli Lokali Valletta ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 35-38, Triq it-Teżorerija (Misraħ ir-Repubblika), Valletta, fis-18.00hrs.

PREŻENTI:

Alfred Zammit – Sindku
Raymond Azzopardi – Viċi Sindku
Lian Pace – Kunsillier
Jurgen Briffa – Kunsillier
Mark Spiteri Lucas – Kunsillier
Vincent Fabri – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 18A (8):
Christian Micallef – Minority Leader

ASSENTI
NIL

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Gabriella Agius– Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Alfred Zammit ippresjeda l-laqgħa.

## 8.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

8.1.1 Christian Micallef

## 8.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

8.8.1 Il-minuti tas-Seduta Nru 7– l- Il-Ħamis 16 ta' Diċembru 2019 kienu ikkonfermati.

...............................................

Il-Laqgħa giet sospiża biex titkellem Ms Marguerite Delia dwar il-problema li qed taffaċċa bħala residenta li toqgħod fi Strada Stretta. Nfurmat dwar attivitajiet bla permess, nies jieħdu drogi ġol-komun tal-flat tagħha, pulizija jaddu bil-karozza u ma jieqfux anke jekk iċċempel u tagħmel rapporti. L-istorju ta' dawn il-bars' qed idumu aktar mil-4am. Hija spjegat kif ma' jistgħux jistrieħu.
Is-Sindku nforma li ser ikellem lis-Sid tas-Salumeria personali hu.

## 8.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

8.3.1 Is-Sindku Alfred Zammit ressaq quddiem il-Kunsill l-performance bonus ta' Impjegati.

Gabriella Agius - Segretarja Ezekuttiva 10%

Matthew Carbonaro - Town Centre Manager 6%

Tony Galea – Clerk 6%

Christabel Busuttil – Clerk 6%

Julian Vassallo – Clerk 6%

Hayden Sciberras – Clerk 6%

Leonora Celeste – Clerk 6%

Joseph Griffiths – Works Coordinator 6%

Ma kien hemm l-ebda tibdil fil-pagi, l-impjegati jiehdu żieda skond l-aggustamenti mibgħuta mid-dipartiment.

Il-Kunsill kollu qabel dwar dan.

8.3.2 Is-Sindku Alfed Zammit nforma li wara li kellu laqgha ma Jair Cordina dwar telephone boxes li hawn fil-Belt Valletta. Is-Sindku nforma li ser issir ittra ta' No Objection bil-kundizzjonijiet u l-ammont li ser jithallas bhala permess. L-Kunsill qabel dwar dan.

8.3.3 Is-Sindku Alfed Zammit nforma li ntbgħatet default notice lill-Kuntrattur tal-Public Conveniences. Dan minħabba l-ammont kbir ta' ilmenti li qed jirċievi. Huwa stqar li żar din il-latrina flimkien ma xi mpjegati bħala xhieda. L-Kunsill qabel dwar dan.

8.3.4 Is-Sindku Alfed Zammit nforma dwar l-arrangament mal-Valletta Waterfront, biex jissuplixxu planters għal xi żoni fil-Belt Valletta. Is-Segretarju Ezekuttiv nforma li sar dokument dettaljat dwar il-postijiet fejn jistghu isiru u ingħataw lil dawk l-entitajiet li jistiequ jipparteċipaw f'din l-inizzjattiva. Il-Kunsill kollu qabel dwar dan.

8.3.5 Is-Sindku Alfred Zammit nforma li għal festeġġiamenti ta' Jum il-Belt saru arrangamenti mis-Segretarju Ezekuttiv biex isir il-Quddiesa fil-Konkatidral ta' San Gwann. Sar ftehim li Mark Spiteri Lucas jorganizza l-kunċert ta' Jum il-Belt fil għaxija. Is-Sindku nforma ukoll li r-riċeviment għandu jsir il-Muza. Saqsa lis-Segretarju Ezekuttiv biex iggib il-quotations. Il-Kunsill qabel dwar dan

8.3.6 Is-Sindku Alfred Zammit informa li wara li saru taħdidiet ma' l-Hon Dr Deo Debattista u anke ma Direttur Generali tal-Cleansing Ramon Deguara biex il-knis jieħdu taħt responsabilita' tiegħu, kien qed jistenna ċifra biex imbgħad tintbgħat lill-Ministru għall-approvazzjoni. Il-Kunsill qabel dwar dan.

8.3.7 Is-Sindku Alfred Zammit informa li tkellem ma transport malta u ntlahaq ftehim dwar il-parkegg ta' Triq il-Mediterran. Is-Sindku nforma lil kunsill bid-dettalji ta' kif se jkun l-arrangament favur residenti. Il-Kunsill qabel dwar dan.

8.3.8 Is-Sindku Alfred Zammit informa li attenda laqgħa ta' tħejjija dwar il-proġett ta' Urban Greening phase 2. Dan biex ikompli jissebbaħ iż-żoni residenzjali tal-Belt Valletta bil-pjanti, fil-preżenza tas-Segretarju Ezekuttiv. Is-Segretarju Ezekuttiv ser jieħu ħsieb li jigu idetifikati postijiet adekwati. Il-Kunsill qabel dwar dan.

## 8.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tall-Kunsillieri

8.4.1 Il-Viċi Sindku Raymond Azzopardi ġibed l-attenzjoni dwar minuti tal-laqgħa preċedenti fejn issemma Clint Bajjada bħala stage manager biex din titneħħa peress li kien ingieb biss eżemplju. l-Kunsill kollu qabel dwar dan.

8.4.2 Il-Viċi Sindku Raymond Azzopardi staqsa x' qed isir dwar il-karozza ta' anzjani.

8.4.3 Il-Viċi Sindku Raymond Azzopardi nforma dwar West street biex jittranga l-MC bays u issir unloading bay. Il-Kunsill qabel dwar dan.

8.4.4 Il-Viċi Sindku Raymond Azzopardi nforma dwar l-attivita li ser jorganizza għal Kurt nhar 21 ta' Frar. Il-Kunsill qabel dwar dan li ssir Suq tal-Belt.

8.4.5 Il-Viċi Sindku Raymond Azzopardi nforma li ntbgħatet email dwar bollards għal- Universita' l-antika.

8.4.6 Il-Kunsillier Vince Fabri nforma biex isir il-fjuri fit-tarag ta' ħdejn l-Auberge D'Aragon.

8.4.7 Il-Kunsillier Vince Fabri nforma dwar l-attivita' tal-Vjolini li ssir fis-Sala tal-Kunsill fejn ser jingħataw ċertifikati mis-Sindku.

## 8.5 Rapporti

8.5.1 Nil

## 8.8 *Items* oħra ta'Xogħol ieħor tall-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

8.8.1 Korrispondenza min għand department ta' Gvern Lokali dwar l-allokazzjoni tas-Sena. Is-Segretarju Ezekttuiv nforma dwar l-allokazzjoni tal-Kunsill għas-sena 2020. Hija spjegat li l-Kunsill bil-kuntratti li għandu diga ser ikun 200,000 euro min ta l-inqas min taħt meta mqabel l-ispjegges u x'ser jingħata mil-Gvern bħala allokazzjoni.

8.8.2 Korrispondenza min għand Sur Paul Gatt dwar l-allokazzjoni finanznjara dwar tipping fees. Dan informa li kif previst iridu jitħalsu

8.8.3 Korrispondenza min għand Kappillan ta' San Duminku, dwar Festi Centinarji ta' San Vincenz Ferreri. L-Kunsill qabel dwar dan.

8.8.4 Korrispondenza min għand l-Kumitat tal-Valletta Waterpolo club dwar applikazzjoni ta' Planning development fund. L-Kumitat qed jitlob għal finanzjament ta' 5,000,000 euro. L-Kunsill qabel li m'hemmx dawn il-finanzi fil-fond.

8.8.5 Korrispondenza m'għand Akkademja Kulturali Pawlina għal għajnuna finanzjarja. Il-Kunsill qabel dwar dan.

8.8.8 Lista ta' inviti relatati mal-festa ta' San Pawl m'għand l-Għaqda tal-Pawlini u La Valette.

## 8.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat/iAmministrattiv/i

8.8.1 Is-Segretarju Ezekuttiv nformat li giet sottomessa applikazzjoni għar-restawr tal-Faċċata tal-Knisja ta' San Pawl.

8.8.2 Is-Segretarju Ezekuttiv nformat li l-applikazzjoni li ġiet sottomessa għal-oraturju tal-Karmnu miexja sew u hemm possibilta ta' risposta pożittiva.

8.8.3 Is-Segretarju Ezekuttiv nformat li ser jinħargu Sejħiet għal-offerti dwar

Bulky Refuse

Avukat

Perit

8.8.4 Is-Segretarju Ezekuttiv nformat li nħarget Sejħa għal-offerti dwat l-accountant.

8.8.5 Is-Segretarju Ezekuttiv nformat li ma jistax ikun li l-għaqdiet tal-festi jitkellmu ma individwi dwar finanzjarjament u imbgħad tintbgħt invoice għal-ħlas. Sar qbil li l-festi jingħataw l-istess.

## 8.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati

8.8.1

8.8.2

## 8.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti

Dicembru 2019

Il-Kunsill aġġorna għal-Ħamis 20 ta’ Frar 2020 17.15hrs

IFFIRMATA



Alfred Zammit
Sindku

IFFIRMATA



Gabriella Agius
Segretarju Eżekuttiv